# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 48

Il-Hamis, 12 ta' Mejju, 2011

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fl-4.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Valerie Borg, Peter Buontempo, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 47 li saret nhar l-Erbgha, 30 ta' Marzu, 2011, kienu konfermati.

## HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

***Il-post ta' Segretarju Ezekuttiv.***

Wara li fl-ahhar seduta, is-Segretarju Ezekuttiv kien informa lill-Kunsill li kien talab lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali, Dr.Chris Said sabiex jigi trasferit f'Kunsill Lokali iehor, il-Kunsill ircieva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali il-lista tal-pool tas-Segretarji Ezekuttivi sabiex jimtela l-post vakanti li ser jizviluppa fil-Kunsill Lokali tal-Belt.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-lista hemm disa' persuni li jaghmlu parti mill-pool. Hamsa huma Ghawdxin u tnejn ohra jinsabu fi skala hamsa tac-civil u ma kenux se jigu mal-Kunsill Lokali tal-Belt fi skala inqas. Ghalhekk sar "short listing" u kien fadal Gabriella Agius u Kenneth Borg.

Wara li l-Kunsill ra s-cv's taz-zewg persuni, is-Sindku qal li abbazi tal-fatt li mit-tnejn short listed, il-Kunsill kien diga jaf lil Gabriella Agius li min-naha taghha diga taf l-operat tal-Kunsill, ippropona li l-Kunsill jirrakomanda lill-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali biex l-istess Gabriella Agius tinhatar Segretarja Ezekuttiva tal-Kunsill.

Il-Kunsillieri Azzopardi u Borg kienu kontra l-hatra ta' Gabriella Agius filwaqt li l-Kunsillier Camenzuli qal li hu kien qed jastjeni fuq it-tnejn li huma minhabba li ma kien jaf lil hadd minnhom.

Is-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri Buontempo u Farrugia ivvutaw favur li Gabriella Agius tinhatar Segretarja Ezekuttiva.

Ghaldaqstant, b'erba' voti favur, tnejn kontra u astensjoni, il-Kunsill irrakomanda lill-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali sabiex Gabriella Agius tinhatar Segretarja Ezekuttiva tal-Kunsill Lokali Valletta.

## L-OFFERTI GHAL PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP

Wara li l-Kunsill ma kien ircieva l-ebda offerta ghal resurfacing tat-toroq permezz ta' l-iskema tal-PPP, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali talab lill-Kunsill jerga' johrog din l-offerta. Issa l-Kunsill kien ircieva offerta wahda biss, dik ta' V & C Contractors Ltd.

Minhabba li din kienet l-unika offerta, il-Kunsill qabel li jibghat din ghall-approvazzjoni tad-Dipartiment.

## L-OFFERTI GHALL-PROGETT TA' PJAZZA MATTIA PRETI

Il-Kunsill kien ircieva offerta wahda biss ghal din is-sejha, dik ta’ V & C Contractors Ltd b’offerta ta’ €222,347.32.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li €75, 000 kienu ser jithallsu mill-iskema ta’ l-Awtorita` tad-Djar u madwar €60,000 li kien fadal mis-sena precedenti setghu jintuzaw ghal dan il-progett. Il-kumplament, il-Kunsill irid jara kif se jgib il-fondi minn sorsi ohra bhal CPPS fund tal-MEPA minhabba li fl-estimi tad-dhul u hrug ghas-sena finanzjarja kurrenti ma kienx hemm fondi ghal dan il-progett.

Il-Kunsill unanimament approva din l-offerta.

**KORRISPONDENZA**

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Il-Kunsill ircieva proposta ghal progett ta’ l-EU Intelligent Energy Europe li ghandu finanzjament ta’ 75% -25%. Is-Sindku qal li kien talab rapport aktar fid-dettall dwar dan il-progett. Sadanittant il-Vici Sindku nforma lill-Kunsill li kien iltaqa’ ma ufficcjali ta’ TM fejn dawn stiednu lill-Kunsill Lokali tal-Belt jippartecipa fi progett state of the art taht ic-CIVITAS fuq is-sistema tat-trasport fil-Belt. Il-Vici Sindku ta’ xi dettalji dwar dan il-progett u s-Sindku ppropona li l-cameras bhal dawk li twahhlu bi prova fl-Arcipiergu, ikunu parti minn dan il-progett;

- Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill dwar seminar mill-AKL u l-Universita` ta’ Malta dwar id-Devoluzzjoni tal-Poter: Bejn Holma u Realta` li ser isir nhar id-9 t’April, fil-Kunsill Lokali B’Kara;

- Il-Kunsill iriceva ittra ta’ ringrazzjament mill-Kunsill Malti ghall-Kultura u l-Arti ghall-ghajnuna tal-Kunsill fl-organizazzjoni tal-Karnival ta’ Malta;

- Il-Kunsill qabel li jaghmel linji sofor quddiem fond nru. 116 A Triq Zekka li bl-approvazzjoni tal-MEPA inbidel minn hanut ghal garaxx;

- Il-Kunsill qabel li jipproponi fil-pozittiv it-talba ghall-parkegg ghal persuni b’dizabilita` ta’ Cecilia Darmanin fi Triq Sant’Ursola, filwaqt li ghandha tingieb aktar informazzjoni dwar talba simili minn Carmel Bonaci fi Triq Papa Piju V;

- Il-Kunsill approva l-partecipazzjoni tal-Vici Sindku u l-Perit Victor Sladden fil-laqgha ta’ l-Ezekuttiv tal-WTFC li ser issir fi Spanja matul April ’11;

- Is-Segretarju nforma li l-Kunsill kien inghata €10,000 ghall-iskema dwar Progetti ta’ Energija Alternattiva fi Gnien Hastings u €3,250 taht l-iskema dwar inizjattivi sportivi fil-lokalitajiet;

- Is-Sindku nforma wkoll li l-Kunsill kien mistieden mis-Socjeta` La Valette nhar is-17 t’April fis-7.00pm ghal attivita` tal-Gimgha l-Kbira.

## KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***Il-Gimgha l-Kbira***

Is-Sindku talab lill-Kunsillier Farrugia jispjega l-attivita` li hi proposta li ssir ghal dan il-perjodu. Il-Kunsillier Farrugia qal li qed jigi organizzat programm fejn in-nies ikunu jistghu isegwu l-purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira fuq siggijiet li ser isiru fil-pjazza ta' quddiem is-Suq u jkun hemm il-possibilta` li jixtru l-ikel mis-Suq.

Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li l-Kunsill ma jistghax ibiegh biljetti izda jaccetta donazzjoni ghal dan il-ghan.

## MISTOQSIJIET

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa ghalfejn certu media kienu nfurmati gurnata qabel u One News ma kenux infurmati dwar l-attivitajiet tas-27 ta' Marzu?

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu infurmat li l-media kollha, inkluz One News, kienu nfurmati fl-istess hin. Giet prezentata wkoll kopja ta' l-email bl-indirizzi ta' fejn intbghatet l-email u li tikkonferma dan.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa lis-Sindku f'liema seduta, il-Kunsill approva n-nefqiet li hawn ghall-approvazzjoni?
Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill awtorizza l-attivitajiet fis-Seduta tas-17 ta' Marzu, 2011.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa jafx is-Sindku li l-Kunsill ma jistax jonfoq aktar minn €3,500 f'attivita` wahda?
Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ma jistax jaqbez €3,500 ghall-attivita` ta' Jum il-lokal, kif fil-fatt ghamel ghax l-attivitajiet ghal Jum il-Belt ma qabzux €3,500. L-ispejjez l-ohra huma relatati ma' Festa Fjuri.

Il-Kunsillier Azzopardi sostna li kulhadd jaf li l-attivitajiet kienu kollha marbuta ma Jum il-Belt.
Is-Sindku sostna li kienu zewg attivitajiet separati u cioe` Festa Fjuri biex jigi celebrat il-bidu tar-Rebbiegha u l-attivtajiet l-ohra ta' Jum il-Belt.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa jekk intalbux kwotazzjonijiet u jekk iva jistax ipoggihom fuq il-mejda tal-Kunsill.
Is-Sindku wiegeb li fejn mehtieg intalbu kwotazzjonijiet.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa fejn huma il-fatturi kollha relatati ma Jum il-Belt?
Is-Sindku wiegeb li kienu se jitressqu ghall approvazzjoni aktar tard fis-Seduta.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa jekk hargitx works order ghal kull bicca xoghol li saret u li kienet tinvolvi imqar ewro wiehed?
Is-Sindku wiegeb li hafna mill-ordnijiet gew konfermati bil-fomm u ohrajn b'works order.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa liema attivitajiet kienu thassru u kemm kienu jiswew flus?
Is-Sindku wiegeb li minhabba li ma kienx infurmat minn qabel bil-mistoqsijiet ma kellux l-informazzjoni dwar dan.

Il-Kunsillier Borg staqsiet kif nies ohra mhux Kunsillieri kienu qeghdin jiktbu fil-magazine tal-Kunsill?
Is-Sindku wiegeb li minn mindu beda l-magazine, dejjem kien hemm nies ohra jiktbu fih.

**UPDATE MILL-KUNSILLIER FARRUGIA DWAR L-ILMENTI TAL-PUBBLIKU**

Il-Kunsillier Farrugia qal li r-residenti ta' l-Arcipierku fahhru hafna c-cctv li giet installata bi prova minhabba li nqatghu hafna mill-abbuzi dwar id-dumping. Il-Kunsillier Azzopardi qal li l-camera twahhlet bi prova ghal erbat ijiem u kienet effettiva hafna.

Il-Kunsillier Farrugia qal ukoll li l-Kunsill ghandu jkellem lill-kuntrattur li ghamel it-tiswija fuq il-bankina ta' Triq Sant'Ursola sabiex jaghmel ix-xoghol ahjar.

**AWTORIZAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI**

Ma kienx hemm bzonn ta' xiri ta' oggetti/servizzi.

**AWTORIZAZZJONI GHALL-IFFIRMAR TA' L-ORDNIJIET GHAL HLASIJIET**

Il-Kunsill awtorizza l-iffirmar ta' l-ordnijiet ghal hlasijiet imnizzla fil-lista annessa (Appendici A). Il-Kunsillieri Azzopardi, Borg u Camenzuli oggezzjonaw ghall-hlasijiet relatati ma' l-attivita` tal-fjuri u cioe` ghall-hlasijiet nru. 03,04, 05, 06, 07, 08 u 09.

Il-Kunsill awtorizza wkoll il-hlas ta' €150 lill-contract manager Domnic Polidano ghax-xoghol tieghu waqt l-attivitajiet ta' Jum il-Belt.

**TMIEM**

Fi tmiem is-Seduta, is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li minhabba cirkostanzi li zvolgew fil-granet ricenti, kien talab laqgha mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali, Dr. Chris Said u talbu biex jigi trasferit f'Kunsill Lokali iehor. Is-Seg. Parlamentari fehem il-pozizzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv u se jahdem sabiex dan isehh fl-iqsar zmien possibli.

Sadanittant, is-Segretarju Ezekuttiv informa wkoll lill-Kunsill li b'ittra tas-7 ta' Frar, is-Sinjorina Gabriella Agius kienet infurmat lill-Kunsill li kienet qed tirrizenja mill-post taghha fil-Kunsill Lokali Valletta.

Fil-5.20pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Segretarju Eżekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku